**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Rodrick Grima**

**Illum, 20 ta' Gunju 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Rodrick Grima** ta' 29 sena iben Grezzju u Filippa xebba Barbara, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Marzu 1988 u residenti gewwa numru 12, 'Zahra', Flat 2, Triq il-Friefet, M'Scala, detentur tal-Karta ta' l-Identità 136688M.

Akkuzat:

Talli nhar l-14 ta' Mejju, 2017 għall-ħabta ta' l-erba' u għoxrin ta' wara nofsinhar ġewwa Triq San Pawl, Santa Venera:

1. Ittanta li jikkommetti serqa minn ġewwa sit ta' kostruzzjoni bl-isem 'Palazzina Properties' għad-dannu ta' Dunstan Williams, u/jew persuni oħra, liema reat ma seħħx minħabba xi ħaġa indipendenti u accidentali mil-volontà tiegħu liema attentat huwa aggravat bil-mezz u bil-valur *(u dan bi ksur ta' artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 267, 278 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta);*

Talli nhar it-22 ta' Mejju, 2017 għall-ħabta ta' l-erba' ta' wara nofsinhar ġewwa Triq il-Vittorja, Ħamrun:

2. Ittanta li jikkommetti serqa minn ġewwa sit ta' kostruzzjoni bin-numru 11 għad-dannu ta' Johann Borg u/jew persuni oħra, liema reat ma seħħx minħabba xi ħaġa indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu liema attentat huwa aggravat bil-mezz u bil-valur *(u dan bi ksur ta' l-artikoli 41 (1)(a), 261, 263, 267, 278 u 289 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta)*;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu skond l-Art. 22 tal-Kap. 446 b'sentenza mgħotija lilhu mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D. datata nhar it-18 t'Ottubru, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu skond Art. 22 tal-Kap. 446 b'sentenza mgħotija lilhu mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli

LL.D. datata nhar it-13 t'Ottubru, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Għaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxi l-att tat-twelid u l-fedina penali ta' l-imsemmi Rodrick Grima, nitlob li dan il-każ jiġi investigat skond il-Liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Principji Legali: Il-Grad tal-Prova fil-Kamp Kriminali**

Din il-Qorti hija tal-fehma, wara li fliet il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, li ghandha taghmel xi sottomissjonijiet fuq principji generali li japplikaw fil-process kriminali.

Fil-process kriminali, kemm il-Prosekuzzjoni, kif wkoll l-akkuzat, ghandhom mhux biss d-dritt li jgibu provi, izda li jirregolaw huma xi provi jgibu.

S'intendi, jridu jigu osservati r-regoli ta' procedura relattiva ghal produzzjoni tal-provi. Fost dawn, jinkombi fuq min igib prova, li dik il-prova tkun l-ahjar prova, infatti, l-artikolu 559 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid: *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib "* jistabbilixxi li bhala regola, ghandu jitqies li tingieb l-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud jew prova teknika li tkun importanti.

L-artikolu 513(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel applikabbli ghall-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-artikoli 558 sa 562 tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili.

L-artikolu 558 ta' dan il-Kodici jipprovdi li: *"Kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet"* ghalhekk il-Qorti ghandha, fil-kazijiet kollha, tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib u bl-artikolu 560(1) tal-istess Kodici li jghid: *"Il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."* Hekk ukoll gie deciz fil-kawza **Il-Pulizija v John Farrugia** deciza mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-16 ta' Jannar 1986.

Huwa bla dubju ta' xejn l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex, kif ighid l-awtur Taljan **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale - Vol III, Kap IV, pagna 234, edizzjoni 1896:**

> *"Il cosi detto onero della prova cioe` il carico di fornire spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u dan sal-grad ta' konvinciment morali tal-gudikant, dan ukoll kif stabbilit fil-gurisprudenza taghna fost l-ohrajn fil-kawza **Il-Pulizija vs Paul Farrugia** deciza mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fit-03 ta' Marzu 2000.

Fil-kamp penali, dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddeciedi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultawlha mill-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi.

Huwa ghalhekk l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid taghmlu billi, bil-provi taghha twassal lil min irid jiddeciedi, sa dak il-grad ta' konvinciment morali, bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'seta' gara probabbilment jew possibbilment, ma jikkostitwux ebda prova valida.

Minn naha l-ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista' jaghmlu anke jekk jasal sal-grad tal-probabbli. Ara **Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi** deciza mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fl-10 ta' Lulju 1998.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji

jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

L-awtur **Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper v R (1952)** jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available the jury is permitted to infer the facts proved by other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*

Illi din l-istess posizzjoni giet abbraccjata mill-Qrati taghna, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** nhar d-09 ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun.**

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fil-15 ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-

ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu il-hati u li l-provi li jigu imressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil et** fis-06 ta' Mejju, 1961 mill-**Qorti tal-Appell Kriminali**, kien intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

Ma hemmx dubbju, kif gie ritenut fi-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fit-02 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gerald Muscat et** li kull dubbju li l-Prosekuzzjoni jkollha, jrid jigi ezaminat fl-assjem tal-provi mressqa – principju legali elementari.

**Ir-Reat tar-Ricettazzjoni**

Il-Qorti issa se tghaddi sabiex tikkunsidra l-principji legali li jirregolaw ir-reat tar-ricettazzjoni.

Illi huwa ben stabbilit li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun, Appell Kriminali deciza 09.01.1998 fuq citata), u li jwasslu ghal konkluzzjoni wahda biss (**Il-Pulizija vs Carmelo Calleja Appell Kriminali** deciza 07.05.2010).

Illi però fil-kaz ta' ricettazzjoni ghandhom japplikaw principji differenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha l-opportunita tesprimi ruhha dwar dan il-punt specifiku u cioe dwar sejbin ta' htija ta' ricettazzjoni minflok ta' serq, anke fin-nuqqas ta' indikazzjoni ta'l-artikolu 334 fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Paul Michael Kavanagh** deciza 22 ta' Novembru 2012, dik il-Qorti qalet hekk:

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-artikolu 476(2) tal-Kap. 9, gie introdott proprju sabiex ikopri cirkostanza bhal din, u fejn fl-artikolu qed isemmi att ta' akkuza, dana ghandu japplika ghan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u fejn issemmi guri tista' tiftiehem ghall-Qorti tal-Magistrati. Dan ifisser, kwindi, illi dan l-artikolu japplika awtomatikament u m'ghandux ghalfejn ikun inkluz fil-lista tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali peress illi tali cirkostanzi topera ope legis u mhux necessarji jkun hemm talba ghal daqshekk mill-Avukat Generali. Dan l-artikolu jghid:

> "*Jekk persuna, fuq akkuza ta' serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta' xi oggett, tigi misjuba mhux hatja ta' dik l-akkuza, il-guri jista' jiddikjarha hatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oggett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oggett, jekk ikun hemm provi ta' dan ...*".

Ghalhekk, biex jidhol in vigore dan l-artikolu jew din ic-cirkostanza jrid jirrizulta nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija ta' serq u provi bizzejjed sabiex iwassal ghar-reat ta' misapproprjazzjoni.

Illi din is-sentenza hija riaffermazzjoni ta' principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna u li gie ribadiet diversi drabi mill-Qorti ta' l-

Appell Kriminali. Fil-fatt fis-sentenza moghtija fil-kawza **Pulizija vs Diego Grixti** fl-1 ta' Dicembru 2008 dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk dwar l-effetti ta' l-artikolu 476(2) in ezami:

> *"Jekk persuna, fuq akkuża tas-serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta' xi oġġett tiġi misjuba mhux ħatja ta' dik l-akkuża, il-ġuri jista' jiddikjaraha ħatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett, jekk ikun hemm provi ta' dan; u, reċiprokament, persuna fuq akkuża ta' misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista' tigi ddikjarata ħatja ta' serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, tal-oġġett involut jekk ikun hemm provi ta' dan:*
> *Iżda l-piena ma għandha f'ebda każ tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att tal-akkuża."*

Persuna akkuzata ta' serq tista' tinstab hatja ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni (u vice versa). Ma hemmx dubbju li din ir-regola, bhar-regoli msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4) tal-Artikolu 467 ta'l-imsemmi Kodici, tapplika mhux biss ghall-proceduri solenni quddiem il-Qorti Kriminali, izda anke ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi dwar dak enunzjat fis-sentenza Il-Pulizija vs Diego Grixti hawn fuq kwotata, **il-Qorti Kostituzzjonali** fis-sentenza taghha tat-12.07.2011 mghotija fil-kawza **Luke Farrugia vs l-Avukat Generali** ikkummentat hekk: "Ghandu jigi rilevat li dak deciz fil-kaz Il-Pulizija vs Diego Grixti ma kinitx xi innovazzjoni sorprendenti ghaliex aktar minn darba l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-opportunita` li tapplika dispozizzjonijiet li jkunu esplicitament applikabbli ghal Qorti specifika ta' kompetenza

kriminali ghal qrati ohra wkoll ta’ kompetenza kriminali ghalkemm ma jkun hemm ebda dispozizzjoni legali li tirrendi l-istess dispozizzjonijiet applikabbli ghal dawk il-qrati l-ohra. Kien hemm kazijiet fejn addirittura l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat ukoll dispozizzjonijiet tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ghal qrati ta’ kompetenza kriminali minkejja n- nuqqas ta’ xi dispozizzjoni legali li kienet tirrendi dawk id-dispozizzjonijiet hekk applikabbli”.

Illi tenut kont tas-suespost jekk imputazzjoni ta’ serq migjuba kontra imputat ma tirrizultax però jirrizultaw l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta’ ricettazzjoni allura l-Qorti tista’, minkejja n-nuqqas ta’ indikazzjoni ta’ l-artikolu 334 fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali, issib htija ta’ ricettazzjoni. U kif inghad aktar il-fuq dan japplika ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi dan ifisser però li biex il-Qorti, b’applikazzjoni ta’ dan il-principju, issib lill-imputat hati ta’ ricettazzjoni ta’ xi haga huwa jrid ikun gie addebitat bis-serq ta’ dik il-haga u ma giex misjub hekk hati. Fil-kaz in ezami imputazzjonijiet ta’ serq fil-konfront ta’l-imputat li taghhom ma nstabx hati hemm tnejn: dik dwar il-van u dik dwar il-pjanci. In oltre, l-Qorti tista’ issib issib htija ta’ ricettazzjoni, kemm il-darba jirrizultaw pruvati l-elementi kollha rikjesti biex jissussisti dan ir-reat.

Illi fl-istess sentenza hawn fuq kwotata hemm riaffermazzjoni ta’ gurisprudenza kostanti dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta’ ricettazzjoni.

Il-gurisprudenza Maltija hija kopjuza ghal dak li jirrigwarda t-tifsira tal-elementi ta’ ricetazzjoni, imma forsi jkun opportun li din il-Qorti taghmel referenza ghal wahda mill-ewwel insenjamenti illi saret in

materja mill-allura Imhallef l-Onorevoli William Harding, fejn fil-ktieb tieghu Recent Criminal Cases Annotated jaghmel riferenza ghall-kawza "**The Police versus Joseph Bugelli and others**" fejn jghid fost affarijiet ohra, "Three conditions are essentials, that is: (a) that previously, there has been the commission of an offence against property; (b) that the accused has received, or purchased, or in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods."

**L-Artiklu 41 (1) (a) tal-Kapitolu 9**

Illi mill-qari tal-akkuza jirrizulta li l-imputazzjonijiet huma migjuba ai termini ta' l-artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "*Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati .... Jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.".*

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2 Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill- volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta' l-hekk imsejha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi kommess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju

dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn latti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma jkunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

> **"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation."**

Madanakollu kif ikompli jghid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijietli jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo jsostni u dana fid-dawl ta' dak li jghidu diversi guristi prominenti fosthom il-Carrara, Maino u Liugi Masucci:

> "So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in

appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."

Illi f'sentenza moghtija mill-**Qorti ta' l-Appelli Kriminali** fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Godfrey Ciangura** deciza fl-10 ta' Gunju 2002 jinghad:

*"Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it- teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. ... Fil-fatt, però, il-Qrati taghna, qatt ma intrabtu ma' xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta' il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl- analizi tal-fatti li jkunu rrizultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari."*

Din il-linja ta' pratticita' giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:

> *'Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l-insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecuttivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e' messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio delle'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e' "propria" di cisacun delitto della relattiva fattispecie e, quindi cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'inizio e pone in essere l'atto esecutivo.'*

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l- intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat.

**Il-fatti tal-kaz in ezami**

Illi f'din il-kawza l-imputat huwa akkuzat b'attentat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur u dan f'zewg okkazjonijiet separati u minn zewg siti differenti.

Illi l-akkuza principali ghalhekk hija ta' attentat ta' serq li ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volontà tieghu.

Fl-ewwel kaz, f'Santa Venera, l-imputat instab rieqed taht it-tarag. U hdejh kellu pompa li s-sid jghid li l-gurnata ta' qabel ma kienx halliha hemm. Ma ngabet l-ebda prova però li kien l-imputat li ha dik il-pompa minn postha u poggieha taht it-tarag. Ghandu jinghad ukoll illi kieku l-imputat kien intenzjonat jisraq dik il-pompa kien johrog 'il barra biha, mhux jintefa' jorqod taht it-tarag.

Illi dwar l-imputazzjonijiet issa in ezami ghandu jigi rilevat li hadd mid-diversi xhieda li tressqu f'dan il-kaz ma ra lill-imputat, jaqla' l-pompa u jehodha jew jiehu l-'jigger' u c-'chaser' li allegatament prova jisraq mill-imsemmija siti.
F'kull kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova, kif rikjest fil-kamp kriminali, dwar il-valur tal-oggetti mertu tal-kawza. L-ahjar prova kienet tkun ircevuta tal-imsemmija oggetti jew ghal-lanqas stima. Lanqas ma ngabet prova li l-oggetti kinux godda jew ilhom jintuzaw, liema prova tirrifletti wkoll fuq il-valur. L-unika prova li ngabet kienet tal-vittma li qal kemm tiswa' l-pompa u kemm jiswa l-'jigger'. Izda dan ma hux bizzejjed biex tinsab htija fil-kamp Kriminali. Ghalhekk l-aggravju tal-valur ma jirrizultax.

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma gabitx l-aqwa prova dwar il-valur kif inhu rikjest fil-kamp Kriminali u dan fir-rigward taz-zewg akkuzi migjuba kontra l-imputat.

Fir-rigward tal-aggravju tal-mezz. Mill-provi jirrizulta li l-imputat bl-ebda mod u manjiera ma sgassa l-fondi li nsab fihom. L-ewwel sit, ghalkemm kien maghluq b'bieb, kellu fond taht il-bieb tal-garage li jippermetti li persuna tidhol minnu, u l-imputat ghadda proprju minn hemm. Dan l-att jista' jammonta ghal reat iehor, li l-imputat ma giex akkuzat bih, però certament ma jammontax ghall-aggravju tal-mezz.

Fit-tieni kaz, fil-Hamrun, l-imputat ghadda wkoll minn taht il-bieb. U ghalhekk ukoll ma jirrizultax l-aggravju tal-mezz. L-imputat jghid li huwa dahal fis-sit biex jorqod (a fol. 99).

L-imputat jispjega li huwa f'dak iz-zmien kien 'homeless' ghaliex ghalkemm ommu kienet taccettah id-dar, huwa ma setax joqghod hemm minhabba r-relazzjoni hazina ma' missieru li kienet tispicca fi glied bejniethom. Jispjega li ghalhekk kien jorqod fejn isib u jinqeda fejn isib.

Illi fiz-zewg kazi l-oggetti li l-imputat allegatament prova jisraq fil-fatt instabu fis-sit.

Illi mill-provi mressqa quddiem il-Qorti lanqas ma jista' jirrizulta r-reat tar-ricettazzjoni stante illi t-tieni u t-tielet element sabiex jirrizulta r-reat tar-ricettazzjoni huma neqsin u ma jirrizultawx.

Illi t-tielet u r-raba' imputazzjoni huma dwar ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat ai termini ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi dawn jaqraw hekk:

3. *U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu skond l-Art 22 tal-Kap 446 b'sentenza mgħotija lilhu mill-Maġistrat Dr D. Frendo Dimech LL.D datata nhar it-18 t'Ottubru, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;*

4. *U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu skond Art 22 tal-Kap 446 b'sentenza mgħotija lilhu mill-Maġistrat Dr J. Demicoli LL.D datata nhar it-13 t' Ottubru, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;*

Illi l-Prosekuzzjoni prezentat tlett sentenzi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet: (a) sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta' April 2013 quddiem il-Magistrat Claire Zammit Stafrace markata Dokument EM2 a folio 62 tal-process, li ma tinkwadrax ruhha fl-imsemmija imputazzjonijiet u ghalhekk ma tikkostitwixxi l-ebda prova dwar l-istess; (b) sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Ottubru 2016 quddiem il-Magistrat Josette Demicoli markata Dokument EM1 a folio 65 tal-process, li tikkostitwixxi prova relattiva ghar-raba imputazzjoni u (c) sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Lulju 2016 quddiem il-Magistrat Anthony Vella markata Dokument EM3 a folio 67 tal-process, li però ma tinkwadrax ruhha fl-imsemmija imputazzjonijiet u ghalhekk ma tikkostitwixxi l-ebda prova dwar l-istess.

Illi ghalhekk it-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta ghaliex ma tressqet l-ebda prova dwarha u konsegwentament l-imputat qed jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tar-raba imputazzjoni mill-qari tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Ottubru 2016 quddiem il-Magistrat Josette Demicoli markata Dokument EM1 a folio 65 tal-process, l-istess sentenza tghid hekk: *"Il-Qorti....Wara li rat l-Art 285, 283 Kap 9, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati izda bl-applikazjoni tal-Art 22, Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena."*.

Illi ghalhekk sabiex tirrizulta r-raba imputazzjoni, jrid jirrizulta li l-imputat ikkommetta reat sa zmien sena minn dik is-sentenza u cioe sat-12 ta' Ottubru 2017. L-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat allegatament sehhew fl-14 ta' Mejju 2017 u fit-22 ta' Mejju 2017, u ghalhekk jaqghu entro dak it-terminu ta' sena.

Illi l-imputat gie ukoll addebitat bir-recidiva. L-akkuza tkompli taqra hekk:

> *Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.*

Illi l-Prosekuzzjoni prezentat tliet sentenzi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet: (a) sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta' April 2013 quddiem il-Magistrat Claire Zammit Stafrace markata Dokument EM2 a folio 62 tal-process, li ma tinkwadrax ruhha fl-imsemmija imputazzjonijiet u ghalhekk ma tikkostitwixxi l-ebda prova ta' recidiva dwar l-istess; (b) sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Ottubru 2016 quddiem il-Magistrat Josette Demicoli markata Dokument EM1 a folio 65 tal-process, u (c) sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Lulju 2016 quddiem il-Magistrat Anthony Vella markata Dokument EM3 a folio 67 tal-process, li però ma tinkwadrax ruhha fl-imsemmija imputazzjonijiet u ghalhekk ma tikkostitwixxi l-ebda prova ta' recidiva dwar l-istess.

Illi ghalhekk l-unika sentenza li tista' titqies bhala prova fir-rigward tal-imputazzjoni tar-recidiva skond kif dedotta fic-cittazzjoni hija s-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Ottubru 2016 quddiem il-Magistrat Josette Demicoli markata Dokument EM1 a folio

65 tal-process. Din però hija sentenza ta' liberta kundizzjonata u ghalhekk ma tammontax ghal kundanna u konsegwentament ma tista' tirrizulta l-ebda recidiva dwarha.

Illi stante li l-ewwel u t-tieni akkuza ma gewx pruvati l-Qorti ma tistax issib htija taht ir-raba akkuza stante li ma jirrizultax illi l-imputat ikkommetta reat u ghal din ir-raguni ukoll, konsegwentament lanqas tista' tikkonsidra t-talba tal-Prosekuzzjoni dwar ir-recidiva.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx pruvati sal-grad li trid il-ligi u konsegwentament il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur